# IL-GĦUL U DAGĦBUB

## (ĦRAFA QANGĦANIJA) (1)

Tlitt aħwa ltiema marru jduru mad-dinja, ifittxu x-xogħol, u darba waħda ġie fuqhom il-lejl kif kienu weħedhom fost ir-raba'. Mexjin imbeżżgħin raw dar imdawla fil-bgħid, u mxew 'il dik in-naħa biex, jekk jistgħu, igħaddu l-lejl fiha. Waslu wara mixja twila, ħabbtu l-bieb, fetħulhom, u sellmu lil sid id-dar, għarrfuh x'kien giebhom u huwa laqagħhom bil-qalb u sajrilhom nagħġa. Imma l-iltima għarfu li dak ir-raġel kien għul (2), għalkemm ħadd minnhom ma tniffes. Wasal ħin l-ikel u qagħdu fuq il-mejda, it-tlitt iltiema, sid id-dar u martu, u bdew jieklu u jitħaddtu. Fost il-mistoqsijiet li għamlu 'l xulxin, l-iżgħar iltim—li kien twil u oħxon erbât ixbar, u għalhekk kienu semmewh Dagħbub (3), u li kien jilħaqlu aktar minn ħutu—saqsa lill-għul sa fejn kienet tasal l-art tiegħu; u dan wieġeb: "Taraw dik il-blata?" Wieġbuh: "Narawha". Qallhom: "Sa hinnekk nista' nasal, u ma nistâx noħroġ 'il hinn minnha, anqas immidd riġli fuqha! "Kif ħelsu, is-sid qal lill-mara "Mur ġewwa, ħejji sodda lil ħbiebna!" Imma dawn qalulu li xtiequ aktar jorqdu barra għax kienet il-għomma—għax kienu ntebħu li huwa ried iqum jiekolhom bil-lejl—għalhekk raqdu fil-beraħ.

Malli mteddew, it-tnejn il-kbar raqdu, imma ż-żgħir baqa' mistenbaħ. Il-għul kif semagħhom jonħru, qam qajl-qajl u resaq lejhom. Il-ltim iż-żgħir rah u beda jgħajjat u qajjem 'il ħutu; il-għul, biex jaħbi, qallhom li kien ġie biex jara humiex mikxufin ħa' jgħattihom; u raġa mar għal xogħlu jistenna li ż-żgħir jorqod. Imma il-għul raqad l-ewwel, u Dagħbub, kif intebaħ li hu kien rieqed, qajjem lil ħutu u ħarbu siksnijiet. Fil-għodu x'ħin il-għul ra li kien tilef ikla, sewwed qalbu għal l-aħħar.

It-tlitt aħwa, wara li mxew qatigħ, waslu f'belt u marru għand is-sultan jitolbuh ix-xogħol. Is-sultan laqagħhom u ta lit-tnejn il-kbar jeħdulu ħsieb iż-żwiemel, u żamm ma' dwaru liż-żgħir. Għaddew sena, tnejn, tlieta u l-kbar, imdejqin mix-xogħol li kellhom u għajjurin għal ħuhom iż-żgħir għax kien miġjub, resqu quddiem is-sultan u qalulu: "Ja sidna, aħna nafu li darek hi wisq għanja; imma kienet tkun aħjar kieku kellek l-imnara (4) li għandu l-għul, li jgħix fil-barr." Wieġeb is-sultan: "Min jista' qatt iġibhieli?"

u huma wieġbu: "Ħuna ż-żgħir Dagħbub:" Is-sultan sieħ quddiemu 'l Dagħbub u wrieh ix-xewqa li kellu. Intebah il-ltim li kienet tnassisa ta' ħutu biex jeħelsu minnu, ma'-dan-kollu wiegħed lis-sultan li jġibhielu. Ħa miegħu żiemel tajjeb, ftit ikel u telaq għal għand il-għul. Wasal bil-lejl: rabat iż-żiemel ħdejn il-blata, u daħal staħba ma' ġenb il-bir. Ftit wara ġiet mart il-għul timla' l-ilma, u qiegħdet l-imnara fuq il-ħirża u dendlet is-satal fil-bir. Dagħbub ġie minn wara ħataf l-imnara u telaq jiġri biha, u tala' fuq il-blata fejn il-għul ma kienx jista' jersaq. Il-mara bdiet tgħajjat: ġie l-għul u jsib 'il Dagħbub fuq il-blata jgħanni bl-imnara mixgħula ma' ġenbu. Kif sebaħ, il-ltim raġa' għand is-sultan, tah l-imnara, li feraħ biha wisq u dendilha f'nofs d-dar, u d-dar intliet b'dawl sabiħ. Minn dak inhar is-sultan ħabb iżjed 'il Dagħbub.

Iż-żewġt aħwa l-kbar, jaraw il-għożża tas-sultan għal ħuhom iż-żgħir, għeru iżjed għalih: għal-hekk reġgħu quddiem is-sultan u qalulu: "Ja sidna, darek toktor fil-ġmiel jekk tibgħat il ħuna jġiblek il-ħasira li għandu l-għul." Is-sultan amar 'il Dagħbub iġibhielu. Dan ħa' ż-żiemel u li kien jieħtieġ u telaq. Wasal bil-lejl ħdejn il-blata, rabat iż-ċiemel, daħal f'dar il-għul, u sab lilu u 'l martu reqdin fuq il-ħasira. Imtedd f'nofshom u beda jitfa 'il għul bit-ftit-il-ftit u jgħidlu: "Għamilli l-wisa'! ħadt il-ħasira kollha!" Il-għul, jaħseb li kienet martu li kellmitu, beda jersaq 'il barra sa wasal fl-art. Dagħbub għamel hekk ukoll mal-mara u kif tefagħhom fl-art it-tnejn, gerbeb il-ħasira, refagħha u ħarab biha fuq il-blata; firixha u qagħad fuqha jgħanni. Il-għul u martu stenbħu bil-bard u bil-għana ta' Dagħbub, u kif intebħu bli kien ġara, għadbu għalih, imma ma setgħux imorru jaqbduh fuq il-blata. Kif sebaħ, il-ltim raġa' għal għand is-sultan, tah il-ħasira li feraħ biha wisq u firixha f'daru u kullħadd stagħġeb bi ġmielha.

Iż-żewġt aħwa l-kbar, jaraw ħuhom qawwi sħiħ, reġgħu quddiem is-sultan u qalulu li f'daru kienet tonqsu mera, (5) u jekk irid waħda sabiħa, jista' jibgħat 'il ħuhom iġiblu dik li għandu l-għul. Is-sultan amar 'il Dagħbub iġiblu l-mera, u dan ħejja li kien jiħtieġ u telaq. Wasal bil-lejl, daħal f'dar il-għul li kien rieqed, u billi ma satâx jilħaq il-mera li kienet imdendla mal-ħajt bena ħaġar fuq ħaġar u tala' fuqu; imma l-ħaġar, billi ma kienx mibni tajjeb, waqa' bih b'kollox. Il-għul u martu stenbħu bil-ħoss: raw il Dagħbub, ħafnuh f'idejhom. Il-għul fetaħ ħalqu biex jibilgħu sħiħ, imma dan qallu: "Isma': jekk tikolni issa, magħlub

kif jien, anqas ittegħemni: semminni u nbagħad kulni, u tara kif taħbat aħjar!" Għoġbu lill-għul kliem it-tifel, u għalqu f'qafas tal-ħadid u beda joqtollu mogħża wara mogħża. Wara li għaddew erbgħin jum, Dagħbub kien simen sewwa, u għodwa waħda qabbad 'il martu tħejji nar u nħasa, toqtol lil Dagħbub u tqattgħu, u titfgħu fl-ilma jagħli fl-inħasa: tagħmel dan kollu sa kemm huwa jmur idur dawra ħa' iqanqal il-ġugħ. Il-għul ħareġ u martu bdiet tagħmel kif qallha żewġha. Ħejjiet in-nar u l-inħasa u resqet ħdejn il-qafas ta' Dagħbub issinn is-sikkina biex tontlu: "Tini s-sikkina ħa' nsinnha jien", talabha Dagħbub kif raha, "int istrieħ ftit għax ħdimt wisq dal-għodu!" Tatu s-sikkina, u biex jista' jaħdem aħjar, ħarġitu mill-qafas. Wara li senn tajjeb is-sikkina, mar wara il-għula, taha daqqa biha fuq għonqha, u qatilha. Qattagħha qatgħa-qatgħa u xeħitha tagħli fl-inħasa. Ħafen il-mera, tala' fuq il-blata; u qabad igħanni bil-mera ma' ġenbu. Kif wasal il-għul u ma sabx il-mara, mar jikxef il-għatu ta' l-inħasa biex jara kinetx għamlet kollox kif kien qallha: imma kif dan, lemaħ ras il-mara tiegħu, f'wiċċ l-inħasa, misjura! Joħroġ barra maqtugħ u jara l-Dagħbub fuq il-blata, bil-mera ħdejh. Għadab għalih imma le sata' jaqbdu. Wara dan, il-ltim raġa' għal dar is-sultan, tah il-mera, li feraħ biha wisq, u faħħar lil l-iltim ma' kullħadd.

Reġgħu ż-żewġt iltiema l-kbar quddiem is-sultan, u qalulu: "Sidna, issa li għandek l-imnara, il-ħasira u l-mera, xejn ma jonqsok ħlief il-għul in-nifsu: ħuna jista' jġibulek!" Is-sultan, għajjat liż-żgħir u bagħtu jġib il-għul. Dagħbub libes ta' raħeb; ħa miegħu munxar, imdaqqa u ftit imsiemer, mar u daħal fil-masġar tal-għul u beda jaqta' s-siġar. Sema' ħossu il-għul u mar isaqsih x'kien jagħmel. Wieġeb il-ltim: "Irrid nagħmel tebut għal wieħed jismu Dagħbub, li serqilna kemm-il-ħaġa, u issa qbadnieh, għax billi simen wisq, ma satâx jiġri bħal qabel:" "Tajjeb!" wieġeb il-għul: "lili wkoll seraqni! mela fl-aħħar inqabad!" Kif ir-raħeb ħejja it-tebut, għalqu minn kull imkien, barra min-naħa tar-riġlejn, u nbagħad talab lill-għul jidħol ftit ġewwa fih biex jara hux magħmul sewwa. Daħal il-għul, u, kif kien ġewwa, Dagħbub sammar fuqu il-għuda li kien jonqos. "Iftaħli!" beda jgħajjat il-għul minn ġewwa "Mela ddum!" wieġeb il-ltim; "jien hu Dagħbub li sakkartek!" Inbagħad ġarru f'dar is-sultan, u kif wasal qiegħdu f'nofs il-bitħa, u ħarab fuq borġ għoli, u qafel il-bieb tiegħu minn ġewwa. Ġew il-qaddejja tas-sultan, is-sultan in-nifsu u kemm kienu f'daru:

fetħu t-tebut, u kif ħareġ il-għul, qatilhom kollha kemm kienu. Ra 'l Dagħbub fuq il-borġ u qallu: "Inżel minn hemm ħalli nieklok jew naqleb il-borġ b'kollox!" Qallu Dagħbub: "Iftaħ ħalqek ħalli naqbeż ġo fih u tiblagħni!" Dak fetaħ ħalqu, u Dagħbub jaqbad ħaġra ta' mitħna li kienet hemm fuq u jitfagħhielu f'ħalqu. Il-ħaġra weħlet f'gerżumtu u billi ma setgħet tmur la 'l barra u la 'l ġewwa, il-għul inħanaq u miet. Dagħbub niżel, sab 'il kullħadd mejjet, ħa' għalih dar is-sultan u dar il-għul, b'artijiethom u mwielhom, baqa' jgħix għani u hieni ħajtu kollha. (6)

G. B.

(1) Dil-ħrafa qalhieli Marrun Akiki, minn Nażaret. Hu semagħha minn raġel xiħ li kien jiġbor it-tfal fil-għaxijiet igħidilhom il-ħrejjef. Hija Qangħanija sa qaddisha, u kif jista' wieħed jara, tixbaħ wisq lill-ħrejjef tagħna; għal dan biż-żejjed wieħed iqabbilha ma' "*Ħrejjef Misserijietna*," tal-*Mogħdija taż-Żmien.*

(2) Għul — min ma jafhiex?—jiġifieri: *ġorf li jiekol il-bnedmin.* Il-ħrafa tgħid li *il-ltiema* ntebħu li kien għul. Naħseb li fil-bidu kienet tgħid li *l-ltim iż-żgħir* għaraf dan, la darba huwa kien jilħaqlu aktar minn ħutu. Minn għalija il-ħrafa ħallejtha kif smajtha.

(3) Dagħbub jiġifieri *mgerbeb.* Kien twil daqs kemm kien oħxon, bħal gerbuba.

(4) Ktibna *mnara.* Ix-xiħ li kien igħidha lit-tfal, qal: ġawhra. Mela kienet ħaġra tarmi d-dawl minnha nfisha.

(5) Hawn ħallejt barra kif Dagħbub seraq iż-żiemel tal-għul. Naħseb li ma fiha xejn: għalina biż-żejjed naraw kemm dil-ħrafa tixbaħ lil tagħna.

(6) Fil-Għadd ta' Ġunju għedna li ħrejjef tal-fallaħin jixbħu lil tagħna: f'din li għedna nsibu: il-għul u martu: tlitt aħwa, u ż-żgħir jilħaqlu aktar mill-kbar: il-ltim jisraq ħwejjeġ il-għul: il-għul isemmen il-Dagħbub qabel ma jieklu u kemm-il ħaġ'oħra li kollha jinsabu fil-ħrejjef tagħna. Din hi waħda mill-ħwejjeġ li turina kif nisilna, barra minn xi taħlita ħafifa, m'hux għajr Qangħani.